**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 15 ta' Gunju 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**JOSEPH FRIGGIERI**

Kump Nru 596/2011

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Joseph Friggieri** detentur ta' karta tal-identita bin-numru 201766(M)**,** gie akkuzat talli f'April 2011 u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer;

1. b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki, foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamilt qligh ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe' circa €9,000 ghad-detriment ta'

Alexander Maggi detentur tal-karta tal-identita numru 236066(M), ai termini tal-artikoli 18,308,309 u 310 tal-Kodicii Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' is-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe' circa €9,000 ghad-detriment ta' Alexander Maggi detentur tal-karta tal-identita numru 236066(M), ai termini tal-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzat ukoll talli kiser il-provvediment tal-artikolu 28A et sequitor billi kiser il-kundizzjonijiet impost fuqu b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 19 ta' Gunju 2009;

4. Akkuzat ukoll talli sirt recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta li saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-10 ta' Dicembru 2012 (ara *folio* 34) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 81);

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess 15 ta' Gunju 2016 fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet bin-numri (2), (3), (4) kif dedotti kontra tieghu

u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Qieset dak ivverbalizzat mill-prosekuzzjoni fl-udjenza tal-lum stess illi ma kinitx qed tinsisti fuq l-ewwel imputazzjoni peress illi din inghatat bhala wahda alternattiva ghat-tieni, kif ukoll peress li fil-fehma tal-istess prosekuzzjoni, il-provi migjuba ma jwasslux ghas-sejbien ta' htija f'din l-imputazzjoni.

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lill-imputat qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet (2), (3), (4) migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet imsemmija migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputat, anki jekk din ma tistax titqies bhala wahda bikrija. Qieset ukoll id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni, maghmula wkoll fl-udjenza ta` llum stess, illi ma kinitx qed tinsisti fuq l-ewwel imputazzjoni peress illi din inghatat bhala wahda alternattiva ghat-tieni, kif ukoll peress li fil-fehma tal-istess prosekuzzjoni, il-provi migjuba ma jwasslux ghas-sejbien ta' htija f'din l-imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 28A, 28B, 28C, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **issib lil Joseph Friggieri (A) mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni u konsegwentement minnha qed tilliberah skond il-ligi, izda (B) issibu hati tal-imputazzjonijiet (2), (3), (4) kif dedotti kontra tieghu (izda din il-Qorti qed tqis lill-imputat bhala**

**recediv biss fl-artikolu 49, u qeghda tiddikjara li mhux sejra tattiva s-sentenza sospiza tad-19/06/2009) u konsegwentement tikkundannah ghal piena komplessiva ta` tnax (12)-il xahar prigunerija**.

Dwar is-sentenza sospiza tad-19/06/2009 din il-Qorti qed tordna li t-tlettax-il xahar prigunerija imposti bl-istess sentenza jigu mil-lum sospizi ghall-perjodu ta' erba snin.

Tastjeni milli tapplika d-dispozizzjonijiet ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9 stante li ma jikkonkorrux l-elementi idonei ghal tali applikazzjoni.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur